# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 20

7 t'Ottubru 2025

L-għoxrin (20) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 7 t'Ottubru 2025 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa tal-Kunsill infetħet b'minuta ta' silenzju iddedikata għas-Sur Vincent Borg, eks kunsillier, viċi sindku u sindku, li kien ħalla din id-dinja fil-ġranet li għaddew.

## MINUTI

### 20.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

20.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 20.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

20.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tad-dsatax (19)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

20.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JVP u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JVP, DC, NH, JAE, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

### 20.3 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI FINANZJARJI TAL-1 U T-2 KWART TAS-SENA

20.3.1. Ma kien hemm xejn x'jiġi diskuss f'din il-materja.

### 20.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

20.4.1. Is-Sindku ippropona li terġa' tibda' tintalab garanzija mill-Kunsill għall-attivitajiet li jiġu organizzati fuq il-Fosos. Tali garanzija għandha tibda' tinżamm mill-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

20.4.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand is-Sindku tal-Kunsill taż-Żurrieq, kif ukoll mingħand il-General Manager tal-Grand Hotel Excelsior li bagħtu l-kondoljanzi sinċiera tagħhom lill-Kunsill għat-telfa tas-Sur Vincent Borg. Il-Kunsill innota dan b'ringrazzjament.

20.4.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-kuratur ta' Ġnien l-Argotti li talab parkeġġ riservat fuq barra tal-ġnien minflok l-ispazju ta' parkeġġ li hemm fuq ġewwa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jibgħat jistaqsi r-raġuni għalfejn qed issir din it-talba

ġaladarba il-prassi tal-Kunsill kienet li jinkoraġġixxi l-ipparkjar fil-bini tal-entitajiet u mhux barra fit-triq, u dan biex ma jkomplux jittieħdu iktar spazji ta' parkeġġ li jkunu disponibbli għar-residenti.

20.4.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti li informa lill-Kunsill bl-avveniment satellita għal Malta Biennale 2026 u talbu l-permess tal-Kunsill biex din il-wirja ssir fil-Biskuttin bejn l-1 ta' Marzu u l-aħħar ta' Mejju. Il-Kunsill qabel ġaladarba din kienet wirja pubblika u kien ser jitħalla aċċess liberu. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li l-permess qed jingħata bil-kundizzjoni li ma jittellgħux vetturi fuq il-paviment.

20.4.5. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien tkellem mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-kwistjoni tal-garaxxijiet u kien għaddilu wkoll l-abbozz tal-liġi li kien ħadem fuqu l-Kunsill. Huwa qal li l-President kien tkellem maċ-Chairman ta' Infrastruttura Malta. Is-Sindku qal li hu kien tkellem ukoll mal-President tar-Reġjun Port li wkoll jidher li qed jaqbel mar-regolarizzazzjoni tal-garaxxijiet.

20.4.5.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet min ser ikollu l-awtorità u l-poter jirregolarizza dan. Is-Sindku wieġeb li jekk issir ir-regolarizzazzjoni, l-infurzar ikun f'idejn Infrastruttura Malta.

20.4.6. Is-Sindku ressaq talba mingħand l-operatur tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V biex tiġi installata tinda. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitolbu jipprovdi bil-miktub l-ispeċifikazzjonijiet ta' kif ser jaħdem kif ukoll id-dettalji tal-kuntrattur li ser jaħdimlu.

20.4.7. Is-Sindku ressaq talba mingħand l-istess operatur sabiex jiġi organizzat villaġġ żgħir fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V għall-kampjonat tat-tazza tad-dinja. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li din l-attività għandha tiġi kunsidrata bħala avveniment kwalunkwe u għalhekk għandhom jitħallsu l-permessi kollha bir-rati neċessarji bħalma jsir fi kwalunkwe attività oħra. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur li l-Kunsill kien qabel fil-prinċipju u li għandhom jiġu ppreżentati id-dettalji kollha fil-ġranet li ġejjin.

20.4.7.1. Il-Kunsilliera SSH ġibdet l-attenzjoni għall-istorbju stante li din kienet żona residenzjali.

20.4.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn informaw lill-Kunsill li l-ħarġa għal Għawdex kienet ġiet ikkanċellata u minflok kienu qed jipproponu li ssir coffee morning b'mod konġunt mal-Kunsill nhar id-29 t'Ottubru 2025. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €273 u li jkun ċar li l-attività qed tiġi organizzata b'mod konġunt.

20.4.9. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Floriana Supporters Club li offrew li jorganizzaw bingo night b'mod konġunt mal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma qabilx minħabba li kienu diġà ġew organizzati attivitajiet b'mod konġunt ma' din l-għaqda matul dik is-sena.

20.4.10. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għal għaxar floodlights fi Ġnien Preziosi, li kienet tammonta għal €1000. Il-Kunsill approva.

20.4.11. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għad-dawl tal-Milied li tammonta għal €7500.

20.4.11.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet kemm ġiet tiswa s-siġra tal-Milied. Is-Sindku informa li din tiswa' €1770.

20.4.11.2. Is-SE informa li l-kuntrattur kien informah li f'eventwalità ta' riħ qawwi, din ikollha tiżżarma minħabba raġunijiet ta' sigurtà.

20.4.11.3. Għalhekk wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-kuntrattur dwar dan.

20.4.12. Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għall-pavaljun tal-gallarija tal-Kunsill. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmur għall-orħos offerta'.

20.4.13. Is-Sindku ressaq talba mingħand il-Valletta Concours li talbu permess sabiex jorganizzaw wirja annwali ta' karozzi vintage u klassiċi fi Pjazza Tritoni. Huma kienu qed jipproponu wkoll li jpoġġu twapet taħt il-vetturi biex jipproteġu l-art f'każ li jaqa' xi żejt.

20.4.13.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li tinkesa ż-żona kollha bħalma ntalbu jagħmlu organizzaturi oħra. Il-Kunsill qabel li għandu joffri li jiġi kunsidrat il-parkeġġ tal-Fosos bħala alternattiva.

## 20.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri

20.5.1. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għal pjazza Sir Luigi Preziosi u qal li hemm sid ta' garaxx li kien qed isib problema biex idaħħal u joħroġ il-vettura tiegħu mill-garaxx.

20.5.1.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa l-ispazju ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilità li hemm biswitu sabiex ikun jista' jidħol faċilment. Is-SE qal li din kienet spazju personalizzat u l-persuna li kienet applikat għal dan l-ispazju ma kienitx residenti fil-lokalità.

20.5.2. Il-Viċi Sindku JAE staqsa jekk kienx hemm risposta mill-Kunsill tal-Belt Valletta rigward il-pjan ta' riġenerazzjoni. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Viċi Sindku JAE talab li tintbagħat tfakkira.

20.5.3. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal siġra li hemm ħdejn Blokk numru 1 u 2, tal-Housing Estate, u qalet li din kienet qed twaqqa' ċ-ċint u taqla' l-art. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-ERA sabiex jara x'jista' jsir f'dan ir-rigward.

20.5.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien hemm sprall perikoluż ħdejn Binja Vilhena. Is-SE qal li kien diġà talab lill-kuntrattur imur ikejjel il-frame tal-ħadid ħalli jkun jista' jiġi rranġat.

20.5.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-attività li ser issir mal-President u qalet li kien hemm suġġeriment biex tintalab donazzjoni ta' €5. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

20.5.5.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien intalab li tintbagħat lista tal-ismijiet ta' dawk li kienu ser jattendu. Il-Kunsill innota dan.

20.5.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-vettura tal-Kunsill u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li għadu kif ġie informat li kienu waslu l-parts għand it-tellar u għandu jingħata appuntament biex din tkun tista' tiddaħħal għat-tiswija.

20.5.6.1. Is-SE qal li kien talab lil tal-iskema sabiex jinstab xufier iżda nel frattemp kienu se jalternaw il-ħaddiema manwali tal-Kunsill biex is-servizz ikun jista' jkompli jiġi pprovdut.

20.5.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm tweġiba fuq l-outdoor gym. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien bagħat tfakkira iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx konferma.

20.5.8. Il-Kunsilliera SSH talbet li tiġi rekordjata uffiċjalment fil-minuti li hi bħala kunsilliera jew individwu, qatt ma kellha parti mill-proċess tal-għażla tal-gabbani tal-Isle of MTV.

20.5.9. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand il-kuntrattur tas-soft areas biex inaddaf il-Masġar tal-Ġublew. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja ma' Project Green sabiex jara jekk jistax isir it-tindif neċessarju minnu.

20.5.10. Il-Kunsilliera JVP għamlet riferenza għal palma li hemm fi Triq Sant'Anna u qalet li din kienet qed tgħatti t-traffic lights. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob li din tinżabar sabiex jitneħħa dan il-periklu.

20.5.11. Is-Sindku NH qal li tkellem mal-ħaddiema ta' Infrastruttura Malta li informawh li kien ġie installat sensor biex jindika jekk ikunx hemm nies li għadhom qed jaqsmu minn fuq it-traffic lights.

20.5.12. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għar-rampa li hemm fi Triq Sant'Anna u qal li din tiġi tiżloq ħafna fix-xita. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat lill-ħaddiema manwali sabiex jara x'jista' jsir dwar dan.

## 20.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

20.6.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-attività ta' St Patrick's Day u qal li kien ippropona li ssir laqgħa fil-jiem li ġejjin ħalli jkunu jistgħu jibdew id-diskussjonijiet. Huwa ippropona li tinstab persuna li xogħolha jkun li tiġbor sponsorships għall-attività.

20.6.2. Is-Sindku għamel riferenza għas-sottokumitat tal-indafa u qal li xtaq juri l-apprezzament tiegħu għall-membri ta' dan is-sottokumitat u għall-ħidma li wettqu sabiex tiġi organizzata l-Clean up day.

20.6.3. Il-Kunsillier DC għamel riferenza għas-sottokumitat tal-ġemellaġġi u ippropona li tinżamm laqgħa sabiex tiġi diskussa il-proposta li l-Kunsill kien irċieva mill-kunsill ta' Weiden.

**Nota: 18:30 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**

## 20.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI SKEDA TA' PAGAMENTI

20.7.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 15/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

20.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JVP u issekondata mill-Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 20.8 AĠĠORNAMENT DWAR ĠENNA TA' ĠONNA

20.8.1. Il-Viċi Sindku għamel riferenza għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna u qal li l-ingaġġ fuq il-midja soċjali kien għaddej ġmielu.

20.8.2. Il-Viċi Sindku kompla billi talab lill-kunsilliera sħabu sabiex jagħmlu exposure min-naħa tagħhom u jikkoordinaw intervista fuq it-televiżjoni biex tiġi reklamata l-attività.

20.8.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li kull min jinżel fil-ġibjun għandu jintalab jagħti donazzjoni li għall-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm xi ħadd li joqgħod mal-entratura u jqassam il-biljetti.

**Nota: 18:34 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

20.8.4. Il-Viċi Sindku qal li kien ser ikompli jittella' iktar kontenut fuq il-midja soċjali.

20.8.5. Is-SE qal li l-programm kien ġie finalizzat u kien ġie mibgħut għall-pubblikazzjoni. Huwa qal li l-programm kien disponibbli wkoll onlajn.

20.8.6. Is-SE qal li l-unika waħda mir-rikjesti li ma setgħetx tiġi onorata kienet parti mit-talba tal-Kappella San Publju u dan minħabba li l-attività kienet tinkludi logħob tan-nar li mhux kopert bl-iskema.

## 20.9 AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITAJIET TAL-MILIED

20.9.1. Is-Sindku fetaħ il-materja u talab lill-Kunsillier DC jagħti aġġornament dwar dawn l-attivitajiet.

20.9.2. Il-Kunsillier DC qal li kien ser jiġi organizzat festin għall-anzjani.

20.9.3. Is-SE qal li t-total għal din l-iskema kien ta' €14,280. Huwa qal li t-tiżjin tal-Milied ma kienx inkluż fis-sezzjoni ta' attività li mhux eliġibbli għal dan il-finanzjament u għaldaqstant jista' jiġi inkluż f'dan il-fond.

20.9.4. Il-Kunsillier DC qal li waħda mill-proposti kienet li jsir Christmas carolling fid-Dar tal-Anzjani. Huwa qal li kien hemm ukoll il-ħsieb li jkun hemm banda fuq ferrovija armata li ddur madwar il-lokalità, li jkun hemm mini market ħdejn il-knisja fi tmiem il-ġimgħa li fih jistgħu jipparteċipaw l-għaqdiet lokali, u li ssir xi ħaġa għat-tfal fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

20.9.5. Il-Kunsillier DC kompla billi qal li kien hemm korrispondenza minn kumpanija li xtaqet tagħmel promozzjoni ta' prodott ġdid tal-ħelu fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Huwa qal li din setgħet tiġi abbinata mal-attivitajiet tal-Milied u ssir dakinhar tal-attività tat-tfal.

20.9.6. Il-Kunsillier DC semma wkoll li jkun hemm banda żgħira li ddur mal-purċissjoni tal-Bambin.

20.9.7. Il-Viċi Sindku JAE talab li l-Kunsill jara l-possibbiltà li jkun hemm sistema ta' sawnd tajba għall-barra li tkun koperta b'dawn il-fondi. Il-Kunsill qabel li għandu jesplora l-possibbiltà u jitlob kwotazzjoni għal tali sistema.

20.9.8. Is-Sindku talab li ssir pubbliċità tal-programm finali billi jsir ukoll poster u skeda ta' x'ikun se jsir.

20.9.9. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jinxtara rigal ċkejken lill-anzjani residenti fid-Dar tal-Anzjani. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 20.10 DWAL TAL-MILIED PJAZZA U TRIQ SANT' ANNA

20.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li din dil-materja kienet diġà ġiet diskussa iktar kmieni matul l-istess laqgħa.

## 20.11 PROPOSTI GĦAL OUTDOOR GYMS MID-DIVIŻJONI GVERN LOKAL

20.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi talab lis-SE biex jispjega f'iktar dettall.

20.11.2. Is-SE qal li kien irċieva korrispondenza biex jistaqsu x'outdoor gyms hemm madwar il-lokalità u jekk kellhomx bżonn xi manutenzjoni. Is-SE qal li kien informahom li ma kienx hemm bżonn ta' manutenzjoni u kien staqsa jekk kienx possibbli li jsir titjib tal-equipment eżistenti.

20.11.3. Huwa qal li kien irċieva risposta li kienu qed jiġu aċċettati proposti għal postijiet ġodda.

20.11.4. Il-Viċi Sindku ippropona li l-Kunsill jipproponi ż-żona ta' ħdejn il-Young Falcons u ta' ħdejn il-Floriana Nursery. Il-Kunsill qabel.

## 20.12 Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni għat-Tender tal-Piċċ tal-Futbol

20.12.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien hemm erba' offerenti u li wieħed minnhom waqa' għax ma kienx wieġeb it-talba għall-kjarifiċi mibgħuta mill-Kunsill.

20.12.2. Is-SE ressaq ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni li kien irrakkomanda li tintgħażel l-irħas offerta mill-offerti li kienu konformi.

20.12.3. Wara mozzjoni imressqa mill-Viċi Sindku JAE favur l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, issekondata mill-Kunsilliera JVP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-mozzjoni bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JVP, NH, SSH, DC)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 20.13 Aġġornament tal-laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

20.13.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 5 ta' Novembru 2025 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 5 ta' Novembru 2025**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv